# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

6 ta' Settembru 2013*

"Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Aspettattivi leġittimi — Eżami mill-ġdid tal-miżuri restrittivi adottati — Żball ta' evalwazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Bażi legali — Forom proċedurali sostanzjali — Proporzjonalità"

Fil-Kawżi T-35/10 u T-7/11,

**Bank Melli Iran**, stabbilita fi Teheran (Iran), irrappreżentat, fil-Kawża T-35/10, minn L. Defalque u, fil-Kawża T-7/11, inizjalment minn L. Defalque u S. Woog, sussegwentement minn L. Defalque u C. Malherbe, avukati,

rikorrent,

vs

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irrappreżentat, fil-Kawża T-35/10, minn M. Bishop u R. Szostak u, fil-Kawża T-7/11, inizjalment minn M. Bishop u G. Marhic, sussegwentement minn M. Bishop u B. Driessen, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn

**Ir-Repubblika Franċiża**, irrappreżentata minn G. de Bergues u É. Ranaivoson, bħala aġenti,

minn

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**, inizjalment irrappreżentat minn S. Behzadi-Spencer, sussegwentement minn A. Robinson, u fl-aħħar nett minn M. Robinson u H. Walker, bħala aġenti, assistiti minn S. Lee, barrister,

intervenjenti fil-Kawża T-35/10,

u minn

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata, fil-Kawża T-35/10, minn S. Boelaert u M. Konstantinidis, u, fil-Kawża T-7/11, minn S. Boelaert, Konstantinidis u F. Erlbacher, bħala aġenti,

intervenjenti fiż-żewġ Kawżi,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

li għandha bħala suġġett, minn naħa, talba għall-annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2009, tas-17 ta' Novembru 2009, li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar id-Deċiżjoni 2008/475/KE (ĠU L 303, p. 31), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 281, p. 81), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 319, p. 71), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 319, p. 11), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1), u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament ta' kull regolament futur jew ta' kull deċiżjoni futura li jikkompleta jew jemenda wieħed mill-atti kkontestati li ser jidħol fis-seħħ fid-data li fiha tingħalaq il-proċedura orali,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Pelikánová (Relatur), President, K. Jürimäe u M. van der Woude, Imħallfin,

Reġistratur: N. Rosner, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' April 2013,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrent, il-Bank Melli Iran, huwa bank kummerċjali Iranjan proprjetà tal-Istat Iranjan.

2 Din il-kawża ġiet ippreżentata fil-kuntest tas-sistema ta' miżuri restrittivi adottata sabiex issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex din tal-aħħar ittemm l-attivitajiet nukleari li għandhom riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi ta' kunsinna ta' armi nukleari (iktar 'il quddiem, il-"proliferazzjoni nukleari").

3 Isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-lista li tinsab fl-Anness II tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/140/PESK, tas-27 ta' Frar 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 61, p. 49), permezz tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/479/PESK, tat-23 ta' Ġunju 2008, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140 (ĠU L 163, p. 43).

4 B'konsegwenza ta' dan, isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-lista li tinsab fl-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2007, tad-19 ta' April 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 103, p. 1), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/475/KE, tat-23 ta' Ġunju 2008, li timplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 163, p. 29), bil-konsegwenza li ġew iffriżati l-fondi tiegħu.

5 Ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali essenzjalment intiż għall-annullament tal-inklużjoni ta' ismu fil-lista tal-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007.

6 Permezz tal-ittri tat-8 u tal-21 ta' Lulju 2009, ir-rikorrent talab lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex jipproċedi b'eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni li tinkludih fil-lista tal-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007, billi sostna li huwa ma kienx involut fil-proliferazzjoni nukleari. Fl-ittra tat-8 ta' Lulju 2009, huwa staqsa, barra minn hekk, sabiex ikollu aċċess għall-fajl tal-Kunsill.

7 Permezz tal-ittra tas-27 ta' Lulju 2009, il-Kunsill wieġeb billi stqarr li r-rikorrent kien ikkonċernat mill-miżuri restrittivi minħabba r-raġunijiet esposti fid-Deċiżjoni 2008/475. Il-Kunsill irrifjuta l-aċċess għall-proposta ta' adozzjoni tal-miżuri restrittivi li tikkonċerna lir-rikorrent (iktar 'il quddiem il-"proposta inizjali"), minħabba n-natura kunfidenzjali ta' dan id-dokument, iżda kkomunika lir-rikorrent żewġ dokumenti ta' natura ġenerali dwar il-proċedura ta' adozzjoni tal-miżuri restrittivi.

8 Permezz tal-ittra tal-11 ta' Settembru 2009, ir-rikorrent talab mill-ġdid biex jikseb aċċess għall-fajl tal-Kunsill.

9 Permezz tal-ittra tal-1 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill bagħat lir-rikorrent motivi addizzjonali għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi meħuda kontrih.

10 Ir-rikors tar-rikorrent li jikkonċerna l-inklużjoni ta' ismu fil-lista tal-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007 ġie miċħud permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill (T-390/08, Ġabra p. II-3967).

11 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ottubru 2009, ir-rikorrent ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-motivi addizzjonali kkomunikati fl-1 ta' Ottubru 2009. Huwa sostna, minn naħa, li dawn il-motivi ma kinux preċiżi biżżejjed u, min-naħa l-oħra, li ma jistabbilixxux li huwa kien involut fil-proliferazzjoni nukleari.

12 L-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fl-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007 inżammet bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2009, tas-17 ta' Novembru 2009, li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar id-Deċiżjoni 2008/475/KE (ĠU L 303, p. 31). Ir-raġunijiet adottati huma s-segwenti:

"Jipprovdi jew jipprova jipprovdi appoġġ finanzjarju lil kumpanniji li huma involuti fi jew li jakkwistaw merkanzija għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran (AIO, SHIG, SBIG, AEOI, Novin Energy Company, Mesbah Energy Company, Kalaye Electric Company u d-DIO). Il-Bank Melli jagħmilha ta' faċilitatur għall-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Huwa ffaċilita bosta akkwisti ta' materjali sensittivi għall-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran. Huwa pprovda firxa ta' servizzi finanzjarji f'isem entitajiet marbuta mal-industriji nukleari u tal-missili tal-Iran, inkluż il-ftuħ ta' ittri ta' kreditu u ż-żamma tal-kontijiet. Bosta mill-kumpanniji t'hawn fuq ġew indikati fl-UNSCR 1737 (2006) u 1747 (2007). Bank Melli jkompli f'dan ir-rwol billi jimpenja ruħu f'mudell ta' aġir li jappoġġa u jiffaċilita l-attivitajiet sensittivi tal-Iran. Bl-użu tar-relazzjonijiet bankarji tiegħu, huwa jkompli jipprovdi appoġġ għal, u servizzi finanzjarji lil, entitajiet elenkati min-NU u l-UE f'konnessjoni ma' tali attivitajiet. Huwa jaġixxi wkoll f'isem, u taħt id-direzzjoni ta' tali entitajiet, inkluż Bank Sepah, billi spiss jopera permezz tas-sussidjarji u l-assoċjati tagħhom."

13 Permezz tal-ittra tat-18 ta' Novembru 2009, il-Kunsill informa lir-rikorrent li ismu ser jinżamm fil-lista tal-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007. Huwa ppreċiża li l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrent ma jiġġustifikawx it-tneħħija tal-miżuri restrittivi, peress li huwa kien għen fil-proliferazzjoni nukleari billi pprovda servizzi finanzjarji lil entitajiet li jipparteċipaw fiha. Dwar it-talbiet ta' aċċess għall-fajl, il-Kunsill reġa' sostna li l-proposta inizjali kienet kunfidenzjali. Min-naħa l-oħra, huwa bagħat lir-rikorrent verżjoni mhux kunfidenzjali tal-proposta għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi bbażata fuq ir-raġunijiet addizzjonali pprovduti fl-ittra tal-1 ta' Ottubru 2009 (iktar 'il quddiem il-"proposta addizzjonali").

14 Permezz tal-ittra tal-14 ta' Diċembru 2009, ir-rikorrent talab, minn naħa, li tinżamm seduta u, min-naħa l-oħra, li jingħata aċċess sħiħ għall-fajl tal-Kunsill. Permezz tal-ittra tal-20 ta' Jannar 2010, il-Kunsill wieġeb, minn naħa, li r-rikorrent kien ibbenefika minn dritt għal smigħ billi ppreżentatlu l-osservazzjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, huwa reġa' sostna li l-proposta inizjali kienet kunfidenzjali.

15 Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39, rettifika ĠU L 197, p. 19) isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-lista tal-Anness II tal-imsemmija deċiżjoni. Ir-raġunijiet użati fir-rigward tar-rikorrent huma l-istess bħal dawk użati fir-Regolament Nru 1100/2009.

16 L-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fl-Anness V tar-Regolament Nru 423/2007 ma ġietx affettwata bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 668/2010, tas-26 ta' Lulju 2010, li jimplementa l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 423/2007 (ĠU L 195, p. 25).

17 Permezz tal-ittra tal-15 ta' Settembru 2010, ir-rikorrent ippreżenta lill-Kunsill l-osservazzjonijiet tiegħu fuq iż-żamma tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawh. F'din l-okkażjoni huwa reġa' sostna t-talbiet tiegħu dwar iż-żamma ta' seduta u l-aċċess għall-fajl tal-Kunsill.

18 L-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 ġiet sostnuta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK, tal-25 ta' Ottubru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 281, p. 81).

19 Peress li r-Regolament Nru 423/2007 tħassar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 281, p. 1), isem ir-rikorrent ġie inkluż mill-Kunsill fl-Anness VIII ta' dan l-aħħar regolament.

20 Ir-raġunijiet użati fir-rigward tar-rikorrent fid-Deċiżjoni 2010/644 u fir-Regolament Nru 961/2010 huma l-istess bħal dawk użati fir-Regolament Nru 1100/2009.

21 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill informa lir-rikorrent li ismu ser jinżamm fil-lista tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u dwar l-inklużjoni tiegħu f'dik tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010. Huwa ppreċiża, f'dan ir-rigward, li ma għandux provi ġodda li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent u li dawn l-aħħar miżuri kienu bbażati biss fuq informazzjoni li tinsab fid-dokumenti kkomunikati qabel.

22 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Lulju 2011, ir-rikorrent talab lill-Kunsill biex jagħmel eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni li żżommu fil-lista tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u f'dik tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010. Huwa reġa' sostna li ma huwiex involut fil-proliferazzjoni nukleari.

23 Permezz tas-sentenza tat-16 ta' Novembru 2011, Melli Bank vs Il-Kunsill (C-548/09 P, Ġabra p. I-11381), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell ippreżentat mir-rikorrent mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ottubru 2009, Melli Bank vs Il-Kunsill, punt 10, iċċitata iktar 'il fuq.

24 L-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010 ma ġietx affettwata mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU L 319, p. 71), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament Nru 961/2010 (ĠU L 319, p. 11).

25 Permezz tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill informa lir-rikorrent li ismu ser jinżamm fil-listi tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010. Huwa kkonstata li l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrent fit-28 ta' Lulju 2011 ma kinux jiġġustifikaw it-tneħħija tal-miżuri restrittivi.

26 Permezz tal-ittra tas-16 ta' Jannar 2012, ir-rikorrent talab li jikseb aċċess għall-provi dwar l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawh u għaż-żamma tagħhom. Il-Kunsill wieġeb bl-ittra tal-21 ta' Frar 2012, li magħha ehmeż tliet dokument dwar l-eżami mill-ġdid tal-miżuri restrittivi.

27 Peress li r-Regolament Nru 961/2010 kien tħassar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 88, p. 1), isem ir-rikorrent ġie inkluż mill-Kunsill fl-Anness IX ta' dan l-aħħar regolament. Il-motivi użati fir-rigward tar-rikorrent huma l-istess bħal dawk użati fir-Regolament Nru 1100/2009.

## Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

28 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Jannar 2010, ir-rikorrent ippreżenta r-rikors fil-Kawża T-35/10, intiż għall-annullament parzjali tar-Regolament Nru 110/2009.

29 Permezz ta' digriet tal-President tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2010, il-proċedura fil-Kawża T-35/10 ġiet sospiża sakemm tinqata' s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-548/09 P, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill.

30 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 u fit-28 ta' Mejju u fis-7 ta' Ġunju 2010, rispettivament, il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Franċiża u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq talbu li jintervjenu fil-Kawża T-35/10 insostenn tal-Kunsill.

31 Peress li l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lir-Raba' Awla, li lilha, għaldaqstant, ġiet assenjata din il-kawża.

32 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Jannar 2011, ir-rikorrent ippreżenta rikors fil-Kawża T-7/11, intiż, b'mod partikolari, għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni 2010/644 u tar-Regolament Nru 961/2010.

33 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' April 2011, il-Kummissjoni talbet li tintervjeni fil-Kawża T-7/11 insostenn tat-talbiet tal-Kunsill. B'digriet tad-9 ta' Ġunju 2011, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza dan l-intervent.

34 Fl-24 ta' Novembru 2011, il-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) talbet lill-partijiet, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, biex jippreżentawlha l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu, għall-Kawża T-35/10, mis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 23 iktar 'il fuq. Il-partijiet aderew għal din it-talba

35 B'digriet tat-8 ta' Frar 2012, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent tal-Kummissjoni, tar-Repubblika Franċiża u tar-Renju Unit insostenn tal-Kunsill fil-Kawża T-35/10.

36 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Frar 2012, ir-rikorrent adatta l-kapi tat-tabliet fil-Kawża T-7/11 wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2011/783, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 19, p. 22), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 19, p. 1), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 56/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 19, p. 10).

37 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Lulju 2012, minn naħa, ir-rikorrent aġġusta l-kapi tat-talbiet tiegħu fil-Kawża T-7/11 wara l-adozzjoni tar-Regolament Nru 267/2012. Min-naħa l-oħra, huwa talab l-annullament ta' kull regolament futur jew ta' kull deċiżjoni futura li jikkompleta jew jemenda wieħed mill-atti kkontestati li jkun fis-seħħ fid-data li fiha tingħalaq il-proċedura orali.

38 B'digriet tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2013, il-Kawżi T-35/10, T-7/11 u T-8/11 ingħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali, skont l-Artikolu 50 tar-Regoli tal-Proċedura.

39 Abbażi tar-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet domandi bil-miktub lill-partijiet. Il-partijiet wieġbu l-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali fit-terminu mogħti.

40 Instemgħu t-trattazzjonijiet tal-partijiet u r-risposti tagħhom għall-mistoqsijiet bil-miktub u orali magħmulin mill-Qorti Ġenerali waqt is-seduta tas-17 ta' April 2013.

41 Fil-kitbiet tiegħu, ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-punt 4 tal-Parti B tar-Regolament Nru 1100/2009, il-punt 5 tal-Parti B tal-Anness tad-Deċiżjoni 2010/644, il-punt 5 tal-Parti B tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010, id-Deċiżjoni 2011/783, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011, id-Deċiżjoni 2012/35, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 54/2012, ir-Regolament Nru 56/2012 u l-punt 5 tal-Parti I.B tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh;

— tannulla d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ikkomunikati bl-ittri ta' dan tal-aħħar fit-18 ta' Novembru 2009, fit-28 ta' Ottubru 2010 u fil-5 ta' Diċembru 2011;

— tiddikjara li l-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament Nru 2012/413 u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 961/2010 ma japplikawx għalih;

— tannulla kull regolament futur jew kull deċiżjoni futura li jikkompleta jew jemenda wieħed mill-atti kkontestati li jkun fis-seħħ fid-data li fiha tingħalaq il-proċedura orali;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

42 Matul is-seduta, ir-rikorrent, minn naħa, irrinunzja għar-rikors tiegħu sa fejn jirrigwarda l-annullament tad-Deċiżjoni 2012/35, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 54/2012 u tar-Regolament Nru 56/2012. Min-naħa l-oħra, huwa espona li t-tieni kap tat-talbiet ġie fil-verità amalgamat mal-ewwel kap tat-talbiet u li għalhekk kien ser jirrinunzja mir-rikors tiegħu sa fejn jikkonċerna l-annullament tal-ittri tat-18 ta' Novembru 2009, tat-28 ta' Ottubru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011.

43 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikorsi;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

44 Ir-Renju Unit jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors fil-Kawża T-35/10.

45 Ir-Repubblika Franċiża titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors fil-Kawża T-35/10 u tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

46 Preliminarjament, fid-dawl tal-konnessjoni tal-Kawżi T-35/10 u T-7/11, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li tgħaqqadhom għall-finijiet tas-sentenza, abbażi tal-Artikolu 50 tar-Regoli tal-Proċedura.

47 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li t-tielet kap tat-talbiet, intiż għad-dikjarazzjoni li l-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413 u l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 961/2010 ma japplikawx għar-rikorrent, huwa fil-verità amalgamat mal-argumenti li jikkontestaw il-legalità tad-Deċiżjoni 2010/413 u tar-Regolament Nru 961/2010, imqajma insostenn tal-ewwel kap tat-talbiet tar-rikorrent. Konsegwentement, it-tielet kap tat-talbiet ma għandux jiġi eżaminat mill-Qorti Ġenerali b'mod awtonomu.

48 Insostenn tal-ewwel kap tat-talbiet, ir-rikorrent invoka l-motivi segwenti fil-kitbiet tiegħu:

— l-ewwel motiv fil-Kawża T-35/10 u t-tielet motiv fil-Kawża T-7/11 huma bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża tiegħu, tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll tal-obbligu tal-Kunsill għal eżami mill-ġdid tal-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tal-osservazzjonijiet ifformulati;

— it-tieni motiv fil-Kawża T-35/10 u r-raba' motiv fil-Kawża T-7/11 huma bbażati fuq żball ta' evalwazzjoni inkwantu l-Kunsill qies li huwa kien involut fil-proliferazzjoni nukleari;

— it-tielet motiv fil-Kawża T-35/10 huwa bbażat fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tar-Regolament Nru 1100/2009, u t-tieni motiv fil-Kawża T-7/11 huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tad-Deċiżjoni 2010/644 u tar-Regolament Nru 961/2010;

— ir-raba' motiv fil-Kawża T-35/10 u l-ħames motiv fil-Kawża T-7/11 huma bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq ksur tad-dritt ta' proprjetà tiegħu li jirriżultaw mill-fatt li l-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;

— l-ewwel motiv fil-Kawża T-7/11 huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 215 TFUE u tal-Artikolu 40 UE, kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament;

— Is-sitt motiv fil-Kawża T-7/11 huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 23(4) tar-Regolament Nru 267/2012.

49 Matul is-seduta, ir-rikorrent sostna barra minn hekk li r-Regolament Nru 267/2012 ma ġiex ikkomunikat lilu b'mod individwali.

50 Il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni jikkontestaw il-fondatezza tal-motivi tar-rikorrent.

51 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu, barra minn hekk, li r-rikorrent huwa estensjoni tal-Istat Iranjan u għalhekk ma jistax jinvoka favurih il-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali. Il-Kunsill jinvoka wkoll l-inammissibbiltà tar-raba' kap tat-talbiet tar-rikorrent.

52 Minbarra l-motivi u l-argumenti tal-partijiet, għadha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tal-adattamenti tal-kapi tat-talbiet mwettqa mir-rikorrent.

*Fuq l-ammissibbiltà*

Fuq l-adattamenti tal-kapi tat-talbiet tar-rikorrent

53 Skont il-ġurisprudenza, meta deċiżjoni jew regolament li jikkonċernaw direttament u individwalment individwu jiġu, fil-mori tal-proċedura, mibdula minn att li jkollu l-istess suġġett, dan għandu jiġi kkunsidrat bħala element ġdid li jippermetti lir-rikorrent jaġġusta t-talbiet u l-motivi tiegħu. Fil-fatt, ikun kuntrarju għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u għal rekwiżit tal-ekonomija tal-ġudizzju jekk ir-rikorrent jiġi obbligat jippreżenta rikors ġdid. Barra minn hekk, ikun inġust li l-istituzzjoni inkwistjoni tkun tista', sabiex taffronta l-kritika li tinstab f'rikors ippreżentat lill-qorti tal-Unjoni kontra att, tadatta l-att ikkontestat jew tissostitwixxih u li fil-mori tal-kawża tibbenefika minn din il-bidla jew minn din is-sostituzzjoni sabiex iċċaħħad lill-parti l-oħra mill-possibbiltà li testendi t-talbiet u l-motivi inizjali tagħha għall-att sussegwenti jew li tippreżenta talbiet jew motivi supplimentari kontra dan (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, Ġabra p. II-3019, punt 46, u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 L-istess konklużjoni tapplika għal atti, bħad-Deċiżjoni 2011/783 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru1245/2011, li, mingħajr ma jħassru att preċedenti, iżommu lil entità fil-listi ta' entitajiet ikkonċernati mill-miżuri restrittivi, wara proċedura ta' eżami mill-ġdid espressament impost mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

55 Madankollu, sabiex tkun ammissibbli, talba għall-adattament tat-talbiet għandha titressaq fit-terminu għall-preżentata tar-rikors previst mis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, dan it-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ta' ordni pubbliku, u għandu jiġi applikat mill-qorti tal-Unjoni b'mod li tiżgura ċ-ċertezza legali kif ukoll l-ugwaljanza tal-persuni legali quddiem il-qorti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 101). Għalhekk, hija l-qorti li għandha tivverifika, jekk ikun hemm bżonn b'mod *ex officio*, jekk dan it-terminu ġiex osservat (ara d-Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Jannar 2012, Ben Ali vs Il-Kunsill, T-301/11, punt 16).

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jimplika li l-awtorità tal-Unjoni li tadotta miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuna jew ta' entità għandha tikkomunika r-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati dawn il-miżuri, jew fil-mument meta jiġi adottat dan l-att jew, minn tal-inqas, mill-iktar fiss possibbli wara l-adozzjoni tiegħu, sabiex dawn il-persuni jew entitajiet jeżerċitaw id-dritt ta' azzjoni legali tagħhom (ara f'dan is-sens is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 23 iktar 'il fuq, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Minn dan jirriżulta li t-terminu għall-preżentata ta' rikors għall-annullament ta' att li jimponi miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuna jew ta' entità jibda jiddekorri biss mid-data tal-komunikazzjoni ta' dan l-att lill-persuna kkonċernata. Bl-istess mod, it-terminu għall-preżentata ta' talba intiża biex testendi t-talbiet u l-motivi ta' att li jżomm dawn il-miżuri jibda jiddekorri biss mid-data tal-komunikazzjoni ta' dan l-att ġdid lill-persuna jew lill-entità kkonċernata.

58 F'din il-kawża, minn naħa, id-Deċiżjoni 2011/783 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011 ġew ikkomunikati individwalment lir-rikorrent bl-ittra tal-5 ta' Diċembru 2011. Għalhekk, it-talba għall-adattament tat-talbiet li tikkonċerna lil dawn l-aħħar atti tal-15 ta' Frar 2012 tressqet fit-terminu ta' xahrejn previst mis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, miżjud b'terminu ta' distanza ta' għaxart ijiem previst fl-Artikolu 102(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

59 Min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 267/2012 ma ġiex ikkomunikat individwalment lir-rikorrent, minkejja li l-Kunsill jaf l-indirizz tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-terminu għall-adattament tal-kapi tat-talbiet tar-rikorrent f'dak li jikkonċerna r-Regolament Nru 267/2012 ma bediex jiddekorri, b'mod li t-talba tar-rikorrent tat-30 ta' Lulju 2012 ma tistax titqies bħala tardiva.

60 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li r-rikorrent jista' jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni 2011/783, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011 u tar-Regolament Nru 267/2012.

Fuq il-kap tat-talbiet intiż għall-annullament ta' kull regolament futur jew ta' kull deċiżjoni futura li jikkompleta jew li jemenda wieħed mill-atti kkontestati li ser jidħol fis-seħħ fid-data li fiha tingħalaq il-proċedura orali

61 Il-Kunsill jikkontesta l-ammissibbiltà tar-raba' kap tat-talbiet tar-rikorrent, intiż għall-annullament ta' kull regolament futur jew ta' kull deċiżjoni futura li jikkompleta jew li jemenda wieħed mill-atti kkontestati li ser jidħol fis-seħħ fid-data li fiha tingħalaq il-proċedura orali.

62 F'dan ir-rigward, skont il-ġurisprudenza, il-Qorti Ġenerali tista' biss tiġi adita b'talba għall-annullament ta' att eżistenti u li joħloq preġudizzju. Għaldaqstant, għalkemm ir-rikorrent jista' jiġi awtorizzat jifformula mill-ġdid it-talbiet tiegħu b'mod li jkunu intiżi għall-annullament tal-atti li, fil-mori tal-kawża, issostitwew l-atti inizjalment ikkontestati, din is-soluzzjoni ma tistax tawtorizza l-istħarriġ spekulattiva tal-legalità ta' atti ipotetiċi li għadhom ma humiex adottati (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, T-228/02, Ġabra p. II-4665, punt 32, u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-raba' kap tat-talbiet tar-rikorrent għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

*Fuq il-mertu*

Fuq il-possibbiltà għar-rikorrent li jinvoka l-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali

64 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jargumentaw li, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, persuni ġuridiċi li huma estensjonijiet ta' Stati terzi ma jistgħux jinvokaw il-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali. Skont dawn, sa fejn ir-rikorrent huwa estensjoni tal-Istat Iranjan, din ir-regola tapplika għalih.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li la l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2010, C 83, p. 389), u lanqas il-liġi primarja tal-Unjoni ma jipprevedu dispożizzjonijiet li jeskludu lill-persuni ġuridiċi li huma estensjonijiet tal-Istati mill-benefiċċju tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Għall-kuntrarju, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Karta li huma rilevanti fir-rigward tal-motivi mqajma mir-rikorrent, u b'mod partikolari l-Artikoli 17, 41 u 47 tagħha, jiggarantixxu d-drittijiet ta' "[k]ull persuna", formulazzjoni li tinkludi persuni ġuridiċi bħar-rikorrent.

66 Madankollu, f'dan il-kuntest, il-Kunsill u l-Kummissjoni jinvokaw l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), li ma jilqax l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minn organizzazzjonijiet governattivi.

67 Issa, minn naħa, l-Artikolu 34 tal-KEDB huwa dispożizzjoni proċedurali li ma hijiex applikabbli għall-proċeduri quddiem il-qorti tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi evitat li Stat firmatarju

għall-KEDB ikun rikorrent u konvenut fl-istess ħin quddiem l-imsemmija qorti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran vs It-Turkija tat-13 ta' Diċembru 2007, Ġabra tas-Sentenzi u tad-Deċiżjonijiet , 2007-V, punt 81). Issa, dan ir-raġunament ma japplikax fil-kawża preżenti.

68 Il-Kunsill u l-Kummissjoni jargumentaw ukoll illi r-regola li huma jinvokaw hija ġġustifikata mill-fatt li Stat huwa l-garanti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fit-territorju tiegħu, iżda ma jistax jibbenefika minn tali drittijiet.

69 Madankollu, anki jekk wieħed jassumi li din il-ġustifikazzjoni tapplika f'sitwazzjoni interna, il-fatt li Stat huwa l-garanti tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fit-territorju tiegħu stess huwa irrilevanti fir-rigward tal-portata tad-drittijiet li jistgħu jibbenefikaw minnhom persuni ġuridiċi li huma estensjonijiet ta' dan l-istess Stat fit-territorju ta' Stati terzi.

70 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkunsidrat li l-d-dritt tal-Unjoni ma fih ebda regola li tipprojbixxi lil persuni ġuridiċi li huma estensjonijiet ta' Stati terzi milli jinvokaw favur tagħhom il-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali. Għalhekk, dawn l-istess drittijiet jistgħu jiġu invokati mill-imsemmija persuni quddiem il-qorti tal-Unjoni sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-kwalità tagħhom ta' persuni ġuridiċi.

71 Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, il-Kunsill u l-Kummissjoni ma pproduċewx provi li jistabbilixxu li r-rikorrent kien effettivament estensjoni tal-Istat Iranjan, jiġifieri entità li kienet tipparteċipa fl-eżerċitar tal-awtorità tal-Istat jew li kienet topera servizz pubbliku taħt il-kontroll tal-awtoritajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran vs It-Turkija tat-13 ta' Diċembru 2007, iċċitata fil-punt 67 iktar 'il fuq, punt 79).

72 Qabelxejn, f'dan ir-rigward, il-Kunsill isostni li r-rikorrent jopera servizz pubbliku taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Iranjani sa fejn jipprovdi servizzi finanzjarji li huma meħtieġa għall-funzjonament tal-ekonomija Iranjana. Issa, il-Kunsill ma jikkontestax l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li l-imsemmija servizzi jirrappreżentaw attivitajiet kummerċjali eżerċitati f'settur kompetittiv u suġġetti għad-dritt komuni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li l-imsemmija attivitajiet huma meħtieġa għall-funzjonament tal-ekonomija ta' Stat ma jagħtihomx il-kwalità ta' servizz pubbliku.

73 Sussegwentement, il-Kummissjoni ssostni li l-fatt li r-rikorrent huwa involut fil-proliferazzjoni nukleari juri li dan jipparteċipa fl-eżerċitar tal-awtorità tal-Istat. Issa, meta targumenta b'dan il-mod, il-Kummissjoni tieħu bħala premessa fattwali fatt li r-realtà tiegħu hija kkontestata mir-rikorrent u li huwa fil-qalba tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, l-allegata implikazzjoni tar-rikorrent fil-proliferazzjoni nukleari, kif esposta fl-atti kkontestati, ma tagħmilx parti mill-eżerċitar ta' poteri tal-Istat, iżda tikkonċerna tranżazzjonijiet kummerċjali li jsiru ma' entitajiet li jipparteċipaw fil-proliferazzjoni nukleari. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ma tiġġustifikax li r-rikorrent jiġi kkwalifikat bħala estensjoni tal-Istat Iranjan.

74 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li r-rikorrent huwa estensjoni tal-Istat Iranjan minħabba s-sehem ta' dan tal-aħħar fil-kapital tiegħu. Issa, dan il-fatt, waħdu, ma jimplikax li r-rikorrent jipparteċipa fl-eżerċitar tal-awtorità pubblika jew li jopera servizz pubbliku.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi konkluż li r-rikorrent jista' jinvoka favur tiegħu l-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali.

Fuq l-ewwel motiv fil-Kawża T-35/10 u t-tielet motiv fil-Kawża T-7/11 li huma bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll tal-obbligu tal-Kunsill li jeżamina mill-ġdid il-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tal-osservazzjonijiet ifformulati

76 Ir-rikorrent isostni li, fil-kuntest tal-adozzjoni tal-atti kkontestati, il-Kunsill kiser l-obbligu ta' motivazzjoni, id-drittijiet tad-difiża tiegħu u l-obbligu tal-Kunsill li jeżamina mill-ġdid il-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tal-osservazzjonijiet ifformulati. Barra minn hekk, dan il-ksur kien jinvolvi ksur tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

77 Il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jikkontestaw il-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrent.

78 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-obbligu li tingħata motivazzjoni għal att li jikkawża preġudizzju, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u, b'mod iktar speċifiku f'dan il-każ, fl-Artikolu 24(3) tad-Deċiżjoni 2010/413, fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 423/2007, fl-Artikolu 36(3) tar-Regolament Nru 961/2010 u fl-Artikolu 46(3) tar-Regolament Nru 267/2012, għandu bħala għan, minn naħa, li jipprovdi lill-parti kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex din tkun taf jekk l-att huwiex fondat jew jekk jistax ikun ivvizzjat b'nuqqas li abbażi tiegħu tkun tista' tiġi kkontestata l-validità tiegħu quddiem il-qorti tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jippermetti lil din tal-aħħar li teżerċita l-istħarriġ tagħha dwar il-legalità ta' dan l-att. L-obbligu ta' motivazzjoni, stabbilit b'dan il-mod, jikkostitwixxi prinċipju essenzjali tad-dritt tal-Unjoni li ma jistgħux isiru derogi minnu ħlief fil-każ ta' kunsiderazzjonijiet imperattivi. Għaldaqstant, bħala regola ġenerali, il-motivazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata fl-istess ħin bħall-att li jikkawżalha preġudizzju, u l-assenza ta' motivazzjoni ma tistax tiġi rregolarizzata mill-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf il-motivi tal-att matul il-proċedura quddiem il-qorti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 80, u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Għaldaqstant, sakemm il-komunikazzjoni ta' ċerti elementi ma tkunx prekluża minn kunsiderazzjonijiet imperattivi marbuta mas-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew mal-mod kif jitmexxew ir-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, il-Kunsill huwa obbligat li jagħti lil entità kkonċernata minn miżuri restrittivi r-raġunijiet speċifiċi u konkreti li minħabba fihom huwa jikkunsidra li dawn għandhom jiġu adottati. Għalhekk, huwa għandu jsemmi l-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom hija bbażata l-ġustifikazzjoni legali tal-miżuri kkonċernati u l-kunsiderazzjonijiet li wassluh sabiex jieħu dawn il-miżuri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 81, u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 Barra minn hekk, il-motivazzjoni għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għall-kuntest li fih ikun adottat. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li jista' jkollhom id-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament jew individwalment mill-att li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex mitlub li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha sa fejn in-natura suffiċjenti ta' motivazzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-formulazzjoni tagħha iżda anki fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat. B'mod partikolari, att li jikkawża preġudizzju jkun motivat b'mod suffiċjenti jekk jiġi adottat f'kuntest magħruf mill-persuna kkonċernata li permezz tiegħu tkun tista' tifhem il-portata tal-miżura meħuda fir-rigward tagħha (ara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Fit-tieni lok, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, u b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, f'kull proċedura miftuħa fil-konfront ta' entità u li tista' twassal għal att li jikkawżalha preġudizzju, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, u għandu jiġi żgurat, anki fl-assenza ta' leġiżlazzjoni fir-rigward tal-proċedura inkwistjoni (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 91).

82 Minn naħa, il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li l-provi miżmuma kontra l-entità kkonċernata sabiex isostnu l-att li jikkawżalha preġudizzju għandhom jiġu kkomunikati lilha. Min-naħa l-oħra, hija għandha titpoġġa f'pożizzjoni li tinvoka b'mod utli l-perspettiva tagħha dwar dawn il-provi (ara, b'analoġija, is-sentenza Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, punt 93).

83 Għalhekk, fir-rigward ta' att inizjali li bih jiġu ffriżati l-fondi ta' entità, sakemm kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom ma jipprekludux dan, il-komunikazzjoni tal-provi miżmuma kontra l-entità kkonċernata għandha ssir jew flimkien mal-adozzjoni tal-att ikkonċernat, jew mill-iktar fis possibbli wara l-adozzjoni msemmija. Fuq talba tal-entità kkonċernata, din tal-aħħar għandha wkoll id-dritt li tesprimi l-perspettiva tagħha fir-rigward ta' dawn il-provi ladarba l-att jiġi adottat. Taħt l-istess riżervi, kull deċiżjoni sussegwenti ta' ffriżar ta' fondi għandha bħala regola ġenerali tiġi ppreċeduta minn komunikazzjoni tal-provi ġodda miżmuma kontra l-entità kkonċernata u minn possibbiltà ġdida għall-entità kkonċernata li ssostni l-perspettiva tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, punt 137).

84 Barra minn hekk, għandu jingħad li, meta tiġi kkomunikata informazzjoni biżżejjed preċiża, li tippermetti li l-entità kkonċernata tkun tista' tesprimi b'mod utli l-perspettiva tagħha dwar il-provi miżmuma kontriha mill-Kunsill, il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża ma jimplikax li din l-istituzzjoni għandha l-obbligu li tagħti, b'mod spontanju, aċċess għad-dokumenti li jinsabu fil-fajl tagħha. Huwa biss meta ssir talba mill-parti kkonċernata li l-Kunsill huwa obbligat jagħti aċċess għad-dokumenti amministrattivi mhux kunfidenzjali kollha li jkunu jikkonċernaw il-miżura inkwistjoni (ara s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 97, u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Fit-tielet lok, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri u li ġie rikonoxxut fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB, kif ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju timplika li l-awtorità tal-Unjoni inkwistjoni hija marbuta li tikkomunika r-raġunijiet ta' miżura restrittiva lill-entità kkonċernata, sa fejn ikun possibbli, jew fil-mument meta tkun adottata din il-miżura, jew, minn tal-inqas, mill-iktar fiss possibbli wara li tkun ġiet adottata, sabiex l-entità kkonċernata tkun tista' teżerċita, fit-termini stabbiliti, id-dritt tagħha għal azzjoni legali. L-osservanza ta' dan l-obbligu li jiġu kkomunikati l-imsemmija raġunijiet hija fil-fatt meħtieġa kemm sabiex id-destinatarji tal-miżuri restrittivi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u jkunu jistgħu jiddeċiedu b'għarfien sħiħ tal-kwistjoni jekk ikunx utli għalihom li jirrikorru għall-qorti tal-Unjoni, u kemm sabiex din tal-aħħar tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ tal-legalità tal-att inkwistjoni li jinkombi fuqha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351, punti 335 sa 337, u l-ġurisprudenza ċċitata).

– Fuq l-obbligu ta' motivazzjoni

86 Skont ir-rikorrent, il-motivazzjoni tal-atti kkontestati hija insuffiċjenti. Fil-fatt, il-motivi li jinsabu fir-Regolament Nru 1100/2009, il-motivi addizzjonali li ġew ikkomunikati lilu fl-1 ta' Ottubru 2009 kif ukoll il-motivi li jinsabu fl-atti kkontestati sussegwenti kienu vagi u impreċiżi, b'mod li ma huwiex f'pożizzjoni li jivverifikom u li jirrispondihom.

87 Il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jikkontestaw il-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrent.

88 Għandu jitfakkar li r-rikorrent ilu kkonċernat mill-miżuri restrittivi sa mit-23 ta' Ġunju 2008. Bejn din id-data u d-data tal-adozzjoni tal-ewwel mill-atti kkontestati, jiġifieri fis-17 ta' Novembru 2009, bosta dokumenti ġew skambjati bejn ir-rikorrent u l-Kunsill, fosthom, b'mod partikolari, l-ittra ta' dan tal-aħħar tal-1 ta' Ottubru 2009 li permezz tagħha informa lir-rikorrent bil-motivi addizzjonali għall-adozzjoni ta' miżuri restrittivi li jikkonċernawh. Dan id-dokument jifforma parti mill-kuntest tal-adozzjoni tal-atti kkontestati f'dawn il-kawżi u jista', għalhekk, jittieħed inkunsiderazzjoni matul l-eżami ta' dan il-motiv.

89 Issa, il-motivi stabbiliti fl-atti kkontestati, kif imsaħħa u żviluppati bil-motivi addizzjonali kkomunikati fl-1 ta' Ottubru 2009, huma biżżejjed preċiżi sabiex l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuq il-Kunsill jiġi ssodisfatt. Għalhekk, dawn il-motivi jippermettu l-identifikazzjoni tal-entitajiet li lilhom ir-rikorrent kien ipprovda servizzi finanzjarji u li huma kkonċernati mill-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, bl-istess mod bħalma jistgħu jiġu identifikati l-perijodu li matulu s-servizzi inkwistjoni kienu ġew ipprovduti u, f'ċertu każi, it-tranżazzjonijiet speċifiċi li magħhom kienu marbuta.

90 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ilment ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni għandu jiġi miċħud.

– Fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża

91 Ir-rikorrent isostni li, minkejja t-talbiet ripetuti, huwa la kiseb aċċess suffiċjenti għall-fajl tal-Kunsill u lanqas seduta quddiem dan tal-aħħar, b'mod li huwa injora l-provi użati kontrih u li, għalhekk, ma huwiex f'pożizzjoni li jiddefendi ruħu. Barra minn hekk, sa fejn il-Kunsill ikkomunikalu elementi tal-fajl tiegħu, din il-komunikazzjoni kienet tardiva.

92 Preliminarjament, il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jikkontestaw l-applikabbiltà tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-kawża prinċipali, billi jirreferu għall-fatt li r-rikorrent ma kienx ikkonċernat mill-miżuri restrittivi minħabba l-attività tiegħu, iżda minħabba l-appartenenza tiegħu fil-kategorija ġenerali ta' persuni u ta' entitajiet li taw sostenn lill-proliferazzjoni nukleari.

93 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, l-Artikolu 24(3) u (4) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 423/2007, l-Artikolu 36(3) u (4) tar-Regolament Nru 961/2010 u l-Artikolu 46(3) u (4) tar-Regolament Nru 267/2012 jipprovdu dispożizzjonijiet li jiggarantixxu d-drittijiet tad-difiża tal-entitajiet milquta mill-miżuri restrittivi adottati bis-saħħa ta' dawn it-testi. Ir-rispett ta' dawn id-drittijiet huwa s-suġġett ta' stħarriġ mill-Qorti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 37).

94 Il-Kunsill u r-Renju Unit isostnu wkoll li l-Kunsill ma jistax jiġi obbligat li jagħti lill-entitajiet ikkonċernati l-provi u l-informazzjoni li jsostnu l-motivi tal-miżuri restrittivi meta dawn jirriżultaw minn sors kunfidenzjali u li, bħala tali, jinżammu mill-Istati Membri li jżommuhom, jew saħansitra minn Stati terzi li magħhom dawn tal-aħħar jikkooperaw, u li dan iseħħ biex is-sorsi jiġu protetti. F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit jippreċiża li r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma jistabbilixxix

dispożizzjonijiet li jippermettu li din tal-aħħar tieħu inkunsiderazzjoni provi kunfidenzjali mingħajr l-iżvelar lill-partijiet oħra, fatt li jimplika li bl-ebda mod ma tista' tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità tal-provi eventwalment ikkomunikati u, għalhekk, li jiġu protetti b'mod xierqa l-kunsiderazzjonijiet imperattivi li jipprekludu l-komunikazzjoni tagħhom lill-entità kkonċernata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija kunsiderazzjonijiet għandhom jipprevalu, inklużi dawk li jirrigwardaw il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

95 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 83 iktar 'il fuq jirriżulta li l-komunikazzjoni tal-provi użati kontra entitajiet ikkonċernati tista' effettivament ma sseħħx meta kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom jipprekludu dan.

96 Madankollu, fid-dawl tar-rwol essenzjali tal-istħarriġ ġudizzjarju fil-kuntest tal-adozzjoni u taż-żamma tal-miżuri restrittivi, il-qorti tal-Unjoni tista' tistħarreġ il-legalità u l-fondatezza ta' tali miżuri, inkluż l-osservanza tal-garanziji proċedurali li jibbenefikaw minnhom l-entitajiet ikkonċernati (ara, f'dan is-sens, u b'analoġija, is-sentenza Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, punt 155), peress li n-natura kunfidenzjali ta' ċerti provi tista', eventwalment, tiġġustifika r-restrizzjonijiet fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' dawn il-provi lir-rikorrent jew lill-avukati tiegħu, u dan japplika għall-proċedura kollha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, u b'analoġija, is-sentenza Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, punt 62 iktar 'il fuq, punt 155).

97 Barra minn hekk, abbażi tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 67(3) tar-Regoli tal-Proċedura, "[m]eta dokument, li l-aċċessibbiltà tiegħu tkun ġiet miċħuda minn istituzzjoni, jitressaq quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' rikors li jirrigwarda l-validità ta' din iċ-ċaħda, dan id-dokument ma jingħatax lill-partijiet l-oħra". Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Qorti Ġenerali tistħarreġ il-legalità tar-rifjut ta' aċċess għal dokument li jinsab fl-inkartament tal-Kunsill, mingħajr ma tikkomunika dan l-istess dokument lill-entità kkonċernata.

98 Fir-rigward tal-ilmenti tar-rikorrent, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li mill-punti 86 sa 90 iktar 'il fuq jirriżulta li l-atti kkontestati huma mmotivati b'mod suffiċjenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill osserva wkoll l-obbligi tiegħu ta' komunikazzjoni inizjali tal-provi kontra.

99 Fit-tieni lok, dwar l-aċċess għall-fajl, għandu jiġi rrilevat li l-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent huma bbażati fuq żewġ proposti distinti. Fil-fatt, minn naħa, l-adozzjoni inizjali tal-imsemmija miżuri, fl-2008, li kienet is-suġġett ta' azzjoni legali tar-rikorrent fil-Kawża T-390/08 (ara l-punti 5, 10 u 23 iktar 'il fuq), twettqet abbażi tal-proposta inizjali, li l-Kunsill irrifjuta li jikkomunika lir-rikorrent, minkejja bosta talbiet f'dan is-sens. Min-naħa l-oħra, il-motivi addizzjonali, ikkomunikati lir-rikorrent fl-1 ta' Ottubru 2009, huma sostnuti mill-proposta addizzjonali, li kopja mhux kunfidenzjali ntbagħtet lir-rikorrent fit-18 ta' Novembru 2009, jiġifieri fil-mument li dan tal-aħħar ġie informat bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 1100/2009.

100 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat li l-assenza ta' komunikazzjoni ta' dokument li fuqu l-Kunsill kien ibbaża ruħu biex jadotta jew biex iżomm il-miżuri restrittivi li jikkonċernaw entità tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża li jiġġustifika l-annullament tal-atti kkonċernati biss jekk jiġi stabbilit li l-miżuri restrittivi kkonċernati ma setgħux jiġu adottati jew jinżammu b'mod legali li kieku d-dokument mhux ikkomunikat kellu jiġi injorat bħala prova kontra.

101 Konsegwentement, f'din il-kawża, anki jekk jiġi preżunt li l-Kunsill inġustament irrifjuta l-komunikazzjoni tal-proposta inizjali lir-rikorrent, dan il-fatt jista' jiġġustifika l-annullament tal-atti kkontestati biss jekk jiġi barra minn hekk stabbilit li ż-żamma tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent ma setgħux jiġu ġġustifikati mill-provi kkomunikati li dan tal-aħħar fi żmien utli, jiġifieri

l-motivi li jinsabu fl-atti kkontestati, il-motivi addizzjonali pprovduti fl-1 ta' Ottubru 2009 u l-proposta addizzjonali pprovduta fl-1 ta' Ottubru 2009 u l-proposta addizzjonali, ikkomunikata fit-18 ta' Novembru 2009.

102 Issa, mill-punti 122 sa 150 iktar 'il fuq jirriżulta li l-argumenti invokati mir-rikorrent ma jippermettux li titqiegħed inkwistjoni l-fondatezza tal-ġustifikazzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawh, li jirreferi għalihom fil-punt 149 iktar 'il fuq, kif tirriżulta mill-provi li ntbagħtulu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-assenza ta' komunikazzjoni tal-proposta inizjali ma tistax tiġġustifika l-annullament tal-atti kkontestati.

103 Fit-tielet lok, ir-rikorrent jiżbalja meta jsostni li huwa ma setax jikseb seduta quddiem il-Kunsill.

104 Fil-fatt, minn naħa, ir-rikorrent ma jikkontestax li huwa kien f'pożizzjoni li jippreżenta lill-Kunsill osservazzjonijiet bil-miktub fit-8, fil-21 ta' Lulju u fil-15 ta' Ottubru 2009, fil-15 ta' Settembru 2010 u fit-28 ta' Lulju 2011.

105 Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għal dak li jagħti x'jifhem ir-rikorrent, la l-leġiżlazzjoni inkwistjoni u lanqas il-prinċipju ġenerali tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża ma jagħtuh dritt għal seduta formali (ara, b'analoġija, is-sentenza People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, punt 53 iktar 'il fuq, punt 93, u l-ġurisprudenza ċċitata), peress li l-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu bil-miktub kienet biżżejjed.

106 Fid-dawl ta' dak kollu li jippreċedi, hemm lok li jiġu miċħuda l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża bħala, parzjalment, ineffettivi, u, parzjalment, infondati.

– Fuq id-difetti li allegatament jaffettwaw l-eżami mill-ġdid imwettaq mill-Kunsill

107 Skont ir-rikorrent, il-Kunsill kiser l-obbligu ta' eżami mill-ġdid tal-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tal-osservazzjonijiet tiegħu. B'mod partikolari, huwa la rriveda b'mod effettiv l-imsemmija miżuri u lanqas irreaġixxa b'mod dettaljat għall-imsemmija osservazzjonijiet, billi sempliċement bagħat ittri standard. Bl-istess mod, l-eżami mill-ġdid li huwa wettaq ma huwiex fondat fuq elementi ta' informazzjoni u ta' prova rilevanti.

108 F'dan ir-rigward, minn naħa, il-Kunsill isostni, mingħajr ma ġie kontradett mir-rikorrent, li, qabel l-adozzjoni tal-atti kkontestati, id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri kienu rċevew l-osservazzjonijiet mibgħuta mir-rikorrent. Konsegwentement, dawn l-osservazzjonijiet, li jinkludu kemm informazzjoni dettaljata dwar ir-relazzjonijiet tar-rikorrent mal-entitajiet imsemmija fil-motivazzjoni tal-atti kkontestati kif ukoll provi li jsostnu din l-istess informazzjoni, setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni.

109 Min-naħa l-oħra, mill-ittri tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju u tat-18 ta' Novembru 2009, tat-28 ta' Ottubru 2010 u tal-5 ta' Diċembru 2011 jirriżulta li dan tal-aħħar eżamina l-imsemmija osservazzjonijiet u li weġibhom, billi insista b'mod partikolari fuq il-fatt li r-rikorrent kien ipprovda servizzi finanzjarji lil entitajiet implikati fil-proliferazzjoni nukleari.

110 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġu miċħuda bħala infondati l-argumenti bbażati fuq l-eżistenza ta' difetti li allegatament jaffettwaw l-eżami mill-ġdid tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent.

– Fuq l-assenza ta' komunikazzjoni individwali tar-Regolament Nru 267/2012 lir-rikorrent

111 Matul is-seduta, ir-rikorrent sostna, mingħajr ma ġie kontradett mill-Kunsill, li r-Regolament Nru 267/2012 ma ġiex ikkomunikat lilu b'mod individwali.

112 Issa, minn naħa, għalkemm huwa minnu li att li jadotta jew li jżomm miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuna jew entità għandu jiġi kkomunikat lil dan tal-aħħar u li hija din il-komunikazzjoni li twassal biex jiddekorri t-terminu għall-preżentata, mill-persuna jew mill-entità kkonċernata, ta' rikors għal annullament tal-att inkwistjoni abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, dan il-fatt ma jimplikax li l-assenza ta' tali komunikazzjoni tiġġustifika, waħedha, l-annullament tal-att inkwistjoni.

113 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent ma jinvokax argumenti intiżi biex juru li, f'din il-kawża, l-assenza ta' komunikazzjoni individwali tar-Regolament Nru 267/2012 kellha bħala konsegwenza dannu għad-drittijiet tiegħu li jiġġustifikaw l-annullament ta' dan tal-aħħar sa fejn jikkonċernah. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' tali dannu ma tirriżultax mill-atti tal-proċess, peress li, qabelxejn, il-motivi użati fir-rigward tar-rikorrent fir-Regolament Nru 267/2012 huma identiċi għall-motivi li jinsabu fl-atti preċedenti magħrufa minnu, it-tieni nett, li huwa kien f'pożizzjoni li jadatta t-talbiet tiegħu fil-Kawża T-7/11 biex jitlob l-annullament tar-Regolament Nru 267/2012 u, fl-aħħar nett, li huwa kien f'pożizzjoni li jieħu konjizzjoni ta' dan tal-aħħar minn sors ieħor u li hemeż kopja mal-att li permezz tiegħu huwa adatta it-talbiet tiegħu.

114 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrent ibbażat fuq ksur tal-obbligu tal-Kunsill li jikkomunikalu r-Regolament Nru 267/2012, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi eżaminat l-ammissibbiltà tiegħu.

– Fuq l-allegati ksur l-oħra

115 Skont ir-rikorrent, il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża tiegħu u tal-obbligu ta' eżami mill-ġdid tal-miżuri restrittivi adottati jinvolvu, barra minn hekk, ksur tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-Kunsill ma aġixxiex b'*bona fide* u b'diliġenza.

116 Issa, mill-eżami mwettaq iktar 'il fuq jirriżulta li l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent u tal-obbligu tal-Kunsill li jeżamina mill-ġdid il-miżuri restrittivi ma jiġġustifikawx l-annullament tal-atti kkontestati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ilment ibbażat fuq ksur tad-dritt tar-rikorrent għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, li ma huwiex sostnut minn argumenti speċifiċi u għalhekk ma għandux portata awtonoma, għandu jiġi miċħud.

117 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, hemm lok li l-ewwel motiv fil-Kawża T-35/10 u t-tielet motiv fil-Kawża T-7/11 għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment ineffettivi u parzjalment infondati.

Fuq it-tieni motiv fil-Kawża T-35/10 u r-raba' motiv fil-Kawża T-7/11, li huma bbażati fuq żball ta' evalwazzjoni inkwantu l-Kunsill qies li r-rikorrent kien involut fil-proliferazzjoni nukleari

118 Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni meta qies li huwa kellu jiġi milqut mill-miżuri restrittivi. Minn naħa, huwa jikkontesta li kien ipprovda servizzi finanzjarji lil ċerti entitajiet imsemmija fil-motivazzjoni tal-atti kkontestati. Min-naħa l-oħra, huwa jqis li s-servizzi li huwa effettivament ipprovda lil entitajiet involuti fil-proliferazzjoni nukleari ma jiġġustifikawx l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi, peress li dawn huma b'mod partikolari marbuta mal-imsemmija proliferazzjoni.

119 Barra minn hekk, skont ir-rikorrent, l-iżball tal-Kunsill jinvolvi abbuż ta' poter min-naħa tiegħu.

120 Il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jikkontestaw il-fondatezza tal-motivi tar-rikorrent

121 Preliminarjament, għandu jitfakkar li att ikun ivvizzjat b'użu ħażin ta' poter biss jekk jidher, fuq il-bażi ta' indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti, li ttieħed bil-għan esklużiv, jew minn tal-inqas bil-għan determinanti, li jilħaq għanijiet differenti minn dawk indikati jew bil-għan li tiġi evitata proċedura prevista speċifikament mit-Trattat għaċ-ċirkustanzi inkwistjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, T-390/10, Ġabra p. II-3967, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, f'din il-kawża, ir-rikorrent ma pproduċiex provi li jissuġġerixxu li, billi adottat l-atti kkontestati, il-Kunsill segwa għan li ma huwiex dak li titwaqqaf il-proliferazzjoni nukleari u l-finanzjament tagħha. Għalhekk, l-argument ibbażat fuq l-allegat "abbuż ta' poter" tal-Kunsill għandu qabelxejn jiġi miċħud.

122 Fir-rigward tal-argumenti l-oħra tar-rikorrent, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' att li bih ikunu ġew adottati miżuri restrittivi fir-rigward ta' entità, jestendi għall-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi invokati sabiex jiġġustifikawh, kif ukoll għall-verifika tal-provi u tal-informazzjoni li tkun ibbażata fuqhom din l-evalwazzjoni. F'każ ta' kontestazzjoni, huwa l-Kunsill li jkollu jippreżenta dawn il-provi bil-għan li jiġu vverifikati mill-qorti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punti 37 u 107).

123 F'dan ir-rigward, il-Kunsill u r-Renju Unit isostnu l-argument espost fil-punt 94 iktar 'il fuq, li jipprovdi li l-Kunsill ma jistax ikun obbligat li jipproduċi l-provi u l-informazzjoni li jsostnu l-motivi tal-miżuri restrittivi meta dawn jirriżultaw minn sorsi kunfidenzjali u li, bħala tali, jinżammu mill-Istati Membri li jżommuhom, jew saħansitra minn Stati terzi li magħhom dawn tal-aħħar jikkooperaw, u li dan iseħħ biex is-sorsi jiġu protetti. Huma jippreċiżaw li f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-Qorti Ġenerali għandu jkun ristrett. Għalhekk, skont il-Kunsill, il-Qorti Ġenerali għandha sempliċement tivverifika l-"plawsibbiltà oġġettiva" tal-allegazzjonijiet tal-Istati Membri filwaqt li, skont ir-Renju Unit, l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali għandu biss jikkonċerna l-fondatezza materjali tal-atti li jadottaw il-miżuri restrittivi.

124 Issa, dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat.

125 Fil-fatt, il-fatt li l-miżuri restrittivi fil-konfront tar-rikorrent ġew adottati fuq il-bażi ta' provi miġbura minn Stat Membru, ma jipprekludux il-fatt li l-atti kkontestati huma atti tal-Kunsill, li għandu, għalhekk, jiżgura li l-adozzjoni tagħhom hija ġġustifikata, jekk ikun il-każ billi jitlob lill-Istat Membru kkonċernat biex jippreżentalu l-provi u l-informazzjoni meħtieġa għal dan il-għan.

126 Bl-istess mod, il-Kunsill ma jistax jinvoka li l-provi kkonċernati ġejjin minn sorsi kunfidenzjali u li bħala konsegwenza, ma jistgħux jiġu żvelati. Fil-fatt, għalkemm din iċ-ċirkustanza tista', eventwalment, tiġġustifika restrizzjonijiet fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' dawn il-provi lir-rikorrenti jew lill-avukati tagħhom, xorta jibqa' l-fatt li, fid-dawl tar-rwol essenzjali tal-istħarriġ ġudizzjarju fil-kuntest tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi, il-qorti tal-Unjoni għandha tkun tista' tistħarreġ il-legalità u l-fondatezza ta' tali miżuri, mingħajr ma jistgħu jiġu invokati kontriha s-sigriet jew il-kunfidenzjalità tal-provi u tal-informazzjoni użati mill-Kunsill. Barra minn hekk, il-Kunsill ma jistax jibbaża att li jadotta miżuri restrittivi fuq informazzjoni jew fuq provi fil-fajl ikkomunikati minn Stat Membru, jekk dan l-Istat Membru mhux lest li jawtorizza l-komunikazzjoni tagħhom lill-qorti tal-Unjoni li għandha s-setgħa ta' stħarriġ tal-legalità ta' din id-deċiżjoni.

127 Konsegwentement, hemm lok li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-ġustifikazzjoni tal-miżuri restrittivi fid-dawl tal-informazzjoni u tal-provi kkomunikati kemm lir-rikorrent kif ukoll lill-Qorti Ġenerali.

128 Il-motivazzjoni tal-atti kkontestati u l-provi kkomunikati mill-Kunsill fl-1 ta' Ottubru u fit-18 ta' Novembru 2009 jirreferu, *in toto*, għal disa' entitajiet allegatament involuti fil-proliferazzjoni nukleari li lilhom ir-rikorrent kien ipprovda servizzi finanzjarji: l-Organizzazzjoni tal-Industriji Ajruspazjali (AIO), il-Grupp Industrijali Shahid Hemmat (SHIG), il-Grupp Industrijali Shahid Bagheri

(SBIG), l-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika (AEOI), Novin Energy Company, Mesbah Energy Company, Kalaye Electric Company, l-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) u l-Bank Sepah.

129 Ir-rikorrent jikkontesta li kien ipprovda servizzi finanzjarji lil SHIG, lil SBIG, lil Novin Energy Company u lil Kalaye Electric Company. Peress li l-Kunsill ma pproduċiex provi u informazzjoni li jsostnu l-allegazzjonijiet tiegħu dwar is-servizzi allegatament ipprovduti lil dawn l-erba' kumpanniji, l-imsemmija allegazzjonijiet ma jistgħux jiġġustifikaw l-adozzjoni u ż-żamma tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 122 iktar 'il fuq.

130 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent ma jikkontestax li kien ipprovda servizzi finanzjarji lill-AIO, lill-AEOI, lil Mesbah Energy Company, lid-DIO u lill-Bank Sepah. Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk, kif isostni l-Kunsill, dawn is-servizzi jikkostitwixxux sostenn għall-proliferazzjoni nukleari fis-sens tad-Deċiżjoni 2010/413, tar-Regolament Nru 423/2007, tar-Regolament Nru 961/2010 u tar-Regolament Nru 267/2012.

131 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 423/2007, tal-Artikolu 39 tar-Regolament Nru 961/2010 u tal-Artikolu 49 tar-Regolament Nru 267/2012, l-imsemmija regolamenti japplikaw għat-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, fuq kull ajruplan u fuq kull bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, għal kull ċittadin ta' Stat Membru fi ħdan u lil hinn mit-territorju tal-Unjoni, għal kull persuna ġuridika, għal kull entità jew kull korp, stabbilit jew ikkostitwit skont id-dritt ta' Stat Membru, kif ukoll għal kull persuna legali, kull entità jew kull korp f'dak li jikkonċerna t-tranżazzjonijiet kummerċjali mwettqa integralment jew parzjalment fl-Unjoni.

132 Għalhekk, fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imwettqa lil hinn mill-Unjoni, ir-Regolament Nru 423/2007, ir-Regolament Nru 961/2010 u r-Regolament Nru 267/2012 ma jistgħux joħolqu obbligi legali fil-konfront ta' stabbiliment finanzjarju stabbilit fi Stat terz u kkostitwit skont id-dritt ta' dan l-istess Stat (iktar 'il quddiem, "stabbiliment finanzjarju barrani"), bħar-rikorrent. Konsegwentement, tali stabbiliment finanzjarju ma huwiex obbligat, abbażi tal-imsemmija regolamenti, li jiffriża l-fondi ta' entitajiet involuti fil-proliferazzjoni nukleari.

133 Xorta jibqa' l-fatt li, jekk stabbiliment finanzjarju barrani jipparteċipa u huwa direttament assoċjat jew iservi ta' sostenn għall-proliferazzjoni nukleari, il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tiegħu li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, involuti f'tranżazzjoni kummerċjali mwettqa integralment jew parzjalment fl-Unjoni jew miżmuma minn ċittadini tal-Istati Membri jew minn persuni ġuridiċi, minn entitajiet jew korpi stabbiliti jew ikkostitwiti skont id-dritt ta' Stat Membru, jistgħu jintlaqtu mill-miżuri restrittivi adottati abbażi tar-Regolament Nru 423/2007, tar-Regolament Nru 961/2010 u tar-Regolament Nru 267/2012.

134 Minn dan isegwi li stabbiliment finanzjarju barrani għandu kull interess li jiżgura li ma jipparteċipax, li ma jkunx direttament assoċjat u ma jservix ta' sostenn għall-proliferazzjoni nukleari, b'mod partikolari billi jipprovdi servizzi finanzjarji lil entità involuta fl-imsemmija proliferazzjoni. Konsegwentement, meta jkun jaf jew jista' raġonevolment jissuspetta li wieħed mill-klijenti tiegħu huwa involut fil-proliferazzjoni nukleari, jaqbillu jtemm mill-iktar fiss possibbli l-provvista ta' servizzi finanzjarji lil dan tal-aħħar, fid-dawl tal-obbligi legali applikabbli, u li ma jipprovdilu l-ebda servizz ġdid.

135 F'din il-kawża, il-Kunsill ma jallegax li s-servizzi inkwistjoni jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 423/2007, tar-Regolament Nru 961/2010 u tar-Regolament Nru 267/2012, kif imfakkar fil-punt 131 iktar 'il fuq. Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk ir-rikorrent aġixxiex mingħajr dewmien sabiex itemm il-provvista ta' servizzi finanzjarji lil kull waħda mill-ħames entitajiet imsemmija fil-punt 130 iktar 'il fuq meta huwa sar jaf jew seta' raġonevolment jissuspetta li dawn kienu involuti fil-proliferazzjoni nukleari.

136 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, ir-rikorrent isostni li huwa wettaq biss trasferiment wieħed favur l-AIO fl-14 ta' Marzu 2007, jiġifieri qabel l-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri restrittivi fil-konfront ta' din tal-aħħar, li seħħet fit-23 ta' April 2007.

137 Issa, il-Kunsill ma jipproduċiex provi jew informazzjoni konkreta li tissuġġerixxi li jew is-servizzi ġew ipprovduti mir-rikorrent lill-AIO wara l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi li jikkonċernaw lil din tal-aħħar jew li r-rikorrent kien jaf jew seta' raġonevolment jissuspetta li l-AIO kienet ipparteċipat fil-proliferazzjoni nukleari qabel l-14 ta' Marzu 2007.

138 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-trasferiment mwettaq favur l-AIO ma jiġġustifikax iż-żamma tal-miżuri restrittivi fil-konfront tar-rikorrent.

139 It-tieni nett, ir-rikorrent jammetti li wettaq tranżazzjonijiet f'isem Bank Sepah, Mesbah Energy Company u d-DIO, kemm qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lil dawn l-entitajiet. Huwa jsostni, madankollu, li t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa jirriżultaw minn impenji meħuda qabel l-adozzjoni tal-imsemmija miżuri u li, fi kwalunkwe każ, dawn ma kinux marbuta mal-proliferazzjoni nukleari.

140 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 20(6) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 423/2007, l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 961/2010 u l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 267/2012 essenzjalment jawtorizzaw li l-fondi ta' entitajiet ikkonċernati mill-miżuri restrittivi jiġu żblokkati biex jitwettqu pagamenti abbażi ta' obbligi meħuda minnhom qabel ma ntlaqtu, sa fejn l-imsemmija pagamenti ma jkunux marbuta mal-proliferazzjoni nukleari. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li r-rikorrent jiġi obbligat, li f'din il-kawża ma kellux għalfejn jiffriża l-fondi tal-Bank Sepah, ta' Mesbah Energy Company u tad-DIO skont it-testi msemmija iktar 'il fuq, kif jirriżulta wkoll mill-punti 132 u 135 iktar 'il fuq, japplika sistema iktar stretta fir-rigward ta' dawn tal-aħħar.

141 Issa, il-Kunsill ma jipproduċiex provi jew informazzjoni li tissuġġerixxi li jew ir-rikorrent kien jaf jew seta' raġonevolment jissuspetta li Bank Sepah, Mesbah Energy Company u d-DIO kienu involuti fil-proliferazzjoni nukleari qabel l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawhom, jew li huwa kien wettaq tranżazzjonijiet fuq il-bażi ta' istruzzjonijiet wara l-adozzjoni tal-imsemmija miżuri, jew saħansitra li t-tranżazzjonijiet mwettqa wara l-adozzjoni tal-imsemmija miżuri kienu marbuta mal-proliferazzjoni nukleari.

142 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tranżazzjonijiet imwettqa f'isem il-Bank Sepah, Mesbah Energy Company u d-DIO ma jiġġustifikawx iż-żamma tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent.

143 It-tielet nett, ir-rikorrent jammetti li wettaq, sat-18 ta' April 2007, tranżazzjonijiet f'isem l-AEOI, marbuta ma' pagamenti tal-borża ta' studju u ma' spejjeż marbuta mal-edukazzjoni u jirrigwardaw somom li ma jeċċedux EUR 8 000.

144 Issa, l-AEOI hija kkonċernata mill-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti mit-23 ta' Diċembru 2006. Għalhekk, minn din id-data, ir-rikorrent seta', tal-inqas, jissuspetta li l-AEOI kienet involuta fil-proliferazzjoni nukleari.

145 Barra minn hekk, ir-rikorrent ma jippretendix li t-tranżazzjonijiet imwettqa wara t-23 ta' Diċembru 2006 kienu bbażati fuq istruzzjonijiet irċevuti qabel din id-data.

146 Fi kwalunkwe każ, sa fejn l-AEOI hija responsabbli għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp fil-qasam nukleari, huwa ġġustifikat li jiġi kkunsidrat li l-boroż ta' studju mħallsa f'isimha huma marbuta ma' dawn l-istess attivitajiet u, għalhekk mal-proliferazzjoni nukleari.

147 Konsegwentement, il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punt 140 iktar 'il fuq ma japplikawx għat-tranżazzjonijiet imwettqa f'isem l-AEOI.

148 Barra minn hekk, ir-rikorrent jiżbalja meta jinvoka l-ammont mhux sinjifikattiv tal-pagamenti mwettqa f'isem l-AEOI. Fil-fatt, minn naħa, skont l-indikazzjonijiet previsti minnha, l-ammont totali ta' dawn il-pagamenti mwettqa fl-2007 jammontaw għal EUR 17 768, USD 68 341 u AUD 2 041, jiġifieri somma mhux negliġibbli. Min-naħa l-oħra, sa fejn il-fatt li jkun hemm persunal bi kwalifiki għolja huwa ta' importanza fundamentali għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp fil-qasam nukleari, il-pagament ta' boroż ta' studju intiżi biex jiżguraw l-edukazzjoni f'dan il-qasam, anki ta' ammont individwali relattivament żgħir, jikkostitwixxi sostenn għall-attivitajiet inkwistjoni u, konsegwentement, għall-proliferazzjoni nukleari.

149 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-fatt li r-rikorrent iwettaq pagamenti ta' boroż ta' studju u ta' spejjeż marbuta mal-edukazzjoni f'isem l-AEOI wara l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawha mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jikkostitwixxi sostenn għall-proliferazzjoni nukleari li jiġġustifika l-miżuri restrittivi li jikkonċernawh.

150 Konsegwentement, it-tieni motiv fil-Kawża T-35/10 u r-raba' motiv fil-Kawża T-7/11 għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq it-tielet motiv fil-Kawża T-35/10 li huwa bbażat fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tar-Regolament Nru 1100/2009, u t-tieni motiv fil-Kawża T-7/11 li huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tad-Deċiżjoni 2010/644 u tar-Regolament Nru 961/2010

151 Ir-rikorrent jinvoka żbalji f'dak li jikkonċerna l-bażi legali tal-atti differenti li permezz tagħhom il-miżuri restrittivi li jikkonċernawh ġew adottati.

152 Il-Kunsill, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni jikkontestaw il-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrent.

153 Fl-ewwel lok, ir-rikorrent isostni, fil-Kawża T-35/10, li l-Kunsill wettaq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u żbalji ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tar-Regolament Nru 1100/2009. Fil-fatt, dan ir-regolament għandu bħala bażi legali r-Regolament Nru 423/2007, li huwa illegali inkwantu ġie adottat mill-Kunsill li ddeċieda b'maġġoranza kkwalifikata, u mhux bl-unanimità, kif huwa impost kemm mill-Artikolu 308 KE kif ukoll mill-Pożizzjoni Komuni 2007/140. Konsegwentement, ir-Regolament Nru 1100/2009 huwa nieqes minn bażi legali. Barra minn hekk, huwa stess kellu jiġi adottat mill-Kunsill b'mod unanimu, u mhux bil-maġġoranza kkwalifikata, kif jirriżulta mill-Pożizzjoni Komuni 2007/140 li tikkostitwixxi l-bażi legali tiegħu.

154 L-ewwel nett, fir-rigward tar-Regolament Nru 423/2007, għandu jitfakkar li skont il-ġurisprudenza, l-Artikoli 60 KE u 301 KE kienu jikkostitwixxu bażi legali suffiċjenti għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 423/2007, peress li l-użu tal-Artikolu 308 KE ma kienx meħtieġ. Bl-istess mod, mill-Artikolu 301 KE, li jirreferi għalih l-Artikolu 60 KE, kien jirriżulta li l-Pożizzjoni Komuni 2007/140 ma kinitx tikkostitwixxi bażi legali tar-Regolament Nru 423/2007 u atti oħra kienu qed jimplementawh, bħar-Regolament Nru 1100/2009 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 23 iktar 'il fuq, punti 66 sa 72).

155 Għaldaqstant, kemm mir-regola ta' votazzjoni prevista fl-Artikolu 308 KE kif ukoll mir-regola applikabbli għall-adozzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140 u għall-emenda tagħha huma mingħajr rilevanza f'dak li jikkonċerna r-Regolament Nru 423/2007. Ir-rispett tar-regola ta' votazzjoni xierqa u tal-kundizzjonijiet proċedurali l-oħra għandu għalhekk jiġi vverifikat fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 301 KE biss, li jirreferi għalih l-Artikolu 60 KE.

156 Skont l-Artikolu 301 KE "[m]eta jkun hemm, f'pożizzjoni komuni jew azzjoni konġunta adottata skond il-provvedimenti tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw il-politika komuni barranija u ta' sigurtà, provvedimenti għal xi azzjoni mill-Komunità biex tinterrompi jew tnaqqas, parzjalment jew kompletament, ir-relazzjonijiet ekonomiċi ma' xi pajjiż terz wieħed jew iktar, il-Kunsill għandu jieħu l-miżuri urġenti neċessarji. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni".

157 F'din il-kawża, ir-rikorrent ma jikkontestax li r-Regolament Nru 423/2007 ġie adottat b'maġġoranza kkwalifikata, skont ir-regola stabbilita fl-Artikolu 301 KE. Lanqas ma huwa kkontestat li l-adozzjoni tar-Regolament Nu 423/2007 ppreċediet l-adozzjoni, b'mod unanimu, tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 301 KE ġew osservati f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tar-Regolament Nru 423/2007.

158 It-tieni nett, fir-rigward tar-Regolament Nru 1100/2009, għandu jiġi osservat li, minn naħa, ir-rikorrent ma jikkontestax li dan ġie adottat, fuq il-bażi tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 423/2007, b'maġġoranza kkwalifikata u wara l-inklużjoni ta' ismu fil-lista stabbilita fl-Anness II tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140, permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2008/479, adottata, skont l-Artikolu 7(2) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140, bl-unanimità. Min-naħa l-oħra, kif diġà ġie mfakkar fil-punt 154 iktar 'il fuq, kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, il-Pożizzjoni Komuni 2007/140 ma tikkostitwixxix bażi legali tar-Regolament Nru 1100/2009, b'mod li r-regola ta' votazzjoni li hija tipprovdi hija mingħajr rilevanza għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' dan l-aħħar regolament.

159 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-argumenti tar-rikorrent dwar ir-Regolament Nru 423/2007 u r-Regolament Nru 1100/2009 għandhom jiġu miċħuda.

160 Fit-tieni lok, skont ir-rikorrent, sa fejn id-Deċiżjoni 2010/644 u r-Regolament Nru 961/2010 jistabbilixxu miżuri restrittivi fil-konfront ta' entitajiet li ma humiex ikkonċernati mir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, dawn kellhom jiġu adottati mhux abbażi tal-proċedura prevista fl-Artikolu 215 TFUE, iżda skont dik prevista fl-Artikolu 75 TFUE. Alternattivament, l-atti kkontestati setgħu jiġu bbażati fuq l-Artikoli 75 TFUE u 215 TFUE applikati b'mod konġunt.

161 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom, hemm l-għan u l-kontenut ta' dan l-att (ara, s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Lulju 2012, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-130/10, punt 42, u l-ġurisprudenza ċċitata).

162 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 75 TFUE huwa inkluż fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE, li jirrigwarda l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fi ħdan l-Unjoni. Huwa jippermetti li jiġu adottati miżuri restrittivi intiżi sabiex jintlaħqu l-għanijiet iddefiniti mill-imsemmi titolu, u dan biss fir-rigward tal-prevenzjoni tat-terroriżmu u tal-attivitajiet konnessi, kif ukoll il-ġlieda kontra dawn il-fenomeni.

163 L-Artikolu 215 TFUE, min-naħa tiegħu, huwa inkluż fit-Titolu IV tal-Ħames Parti tat-Trattat FUE li jirrigwarda l-azzjoni esterna tal-Unjoni. Din tippermetti li jiġu adottati miżuri restrittivi fil-konfront ta' pajjiżi terzi kif ukoll fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, gruppi u entitajiet mhux statali, sabiex tiġi implementata deċiżjoni adottata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE, fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni (iktar 'il quddiem il-"PESK").

164 F'din il-kawża, għandu preliminarjament jiġi rrilevat li r-rikorrent jiżbalja meta jallega li d-Deċiżjoni 2010/644 kellha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 75 TFUE, peress li dan ma huwiex att adottat abbażi tat-Trattat FUE, iżda abbażi tat-Trattat UE, b'mod partikolari tal-Artikolu 29 tiegħu.

165 Fir-rigward tar-Regolament Nru 961/2010, il-Kunsill ġustament isostni li l-miżuri restrittivi li dawn tal-aħħar jipprovdu ma jikkonċernaw la l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 67 TFUE u lanqas, *a fortiori*, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u tal-attivitajiet konnessi jew mal-ġlieda kontra dawn il-fenomeni. Huma jikkonċernaw l-attivitajiet tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, jiġifieri pajjiż terz, assoċjat mal-proliferazzjoni nukleari.

166 Barra minn hekk, ir-Regolament Nru 961/2010 ġie adottat sabiex jimplementa l-atti rilevanti tal-PESK, jiġifieri d-Deċiżjoni 2010/413 u d-Deċiżjoni 2010/644.

167 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-Artikolu 215 TFUE jikkostitwixxi bażi legali xierqa u suffiċjenti għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 961/2010, peress li l-miżuri restrittivi previsti minn dan tal-aħħar jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Artikolu 75 TFUE.

168 Il-fatt, invokat mir-rikorrent, li jipprovdi li l-miżuri restrittivi li jikkonċernawh imorru lil hinn minn dawk adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Unit huwa ineffettiv f'dan il-kuntest.

169 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li xejn fl-Artikoli 60 KE u 301 KE ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-kompetenza li dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-Komunità kienet limitata għall-implementazzjoni tal-miżuri deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punti 51, 52 u 64). Dawn il-konstatazzjonijiet jistgħu japplikaw għall-miżuri restrittivi adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE li jirrifletti l-kontenut tal-Artikoli 60 KE u 301 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill, punt 161 iktar 'il fuq, punt 51).

170 Għalhekk, il-fatt li l-miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tal-PESK imorru lil hinn minn dawk deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ma għandux effett fuq in-natura xierqa u suffiċjenti tal-Artikolu 215 TFUE bħala bażi legali tagħhom.

171 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, id-differenzi fil-proċeduri applikabbli skont l-Artikolu 75 TFUE u l-Artikolu 215(1) TFUE jipprekludu li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jiġu akkumulati sabiex iservu bħala bażi legali doppja ta' att bħar-Regolament Nru 961/2010 (ara, b'analoġija, is-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill, punt 161 iktar 'il fuq, punt 49).

172 Sa fejn ir-rikorrent għadu jsostni, f'dan il-kuntest, li l-użu tal-Artikolu 75 TFUE jippermetti li jiġi żgurat livell xieraq ta' kontroll demokratiku permezz tal-intervent tal-Parlament Ewropew, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li, ma humiex il-proċeduri li jiddefinixxu l-bażi legali ta' att, iżda l-bażi legali ta' att li tiddetermina l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-adozzjoni ta' dan tal-aħħar (sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill, punt 161 iktar 'il fuq, punt 80). Għalhekk, ir-rieda li l-Parlament jiġi assoċjat mal-proċess ta' adozzjoni tal-miżuri restrittivi ma jistax ikollu bħala konsegwenza li l-atti kkonċernati għandhom ikunu bbażati fuq bażi legali li ma japplikax *ratione materiae*, bħal, f'din il-kawża, l-Artikolu 75 TFUE.

173 Sussegwentement, id-differenza bejn l-Artikoli 75 TFUE u 215 TFUE dwar l-involviment tal-Parlament tirriżulta minn għażla magħmula mill-awturi tat-Trattat ta' Lisbona li jagħtuh rwol iktar limitat fir-rigward tal-azzjoni tal-Unjoni fil-kuntest tal-PESK (sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill, punt 161 iktar 'il fuq, punt 82).

174 Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 215(3) TFUE, l-atti kkonċernati minn dan l-artikolu jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa fil-qasam tal-garanziji legali (sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill, punt 161 iktar 'il fuq, punt 83).

175 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-Kunsill ma wettaqx żball f'dak li jirrigwarda l-bażi legali tad-Deċiżjoni 2010/644 u tar-Regolament Nru 961/2010.

176 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, hemm lok li t-tielet motiv fil-Kawża T-35/10 u t-tieni motiv fil-Kawża T-7/11 għandhom jiġu miċħuda bħala, parzjalment, ineffettivi u, parzjalment, infondati.

Fuq ir-raba' motiv fil-Kawża T-35/10 u l-ħames motiv fil-Kawża T-7/11 li huma bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-dritt ta' proprjetà tar-rikorrent li jirriżulta mill-fatt li l-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti

177 Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll tad-dritt ta' proprjetà tiegħu.

178 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrent.

179 Skont il-ġurisprudenza, abbażi tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li jifforma parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, il-legalità tal-projbizzjoni ta' attività ekonomika hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-miżuri ta' projbizzjoni jkunu adegwati u neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimament mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u dan dejjem bil-kundizzjoni li, meta jkun hemm għażla bejn diversi miżuri adegwati, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva u li l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet mixtieqa (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punt 66).

180 F'din il-kawża, l-ewwel nett, ir-rikorrent isostni li huwa hu kkonċernat minn miżuri restrittivi li jmorru lil hinn mill-miżuri previsti fir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, minkejja li l-atti kkontestati għandhom jirriflettu dawn l-istess riżoluzzjonijiet. Għalhekk, il-miżuri restrittivi li jikkonċernawh huma sproporzjonati, peress li l-Kunsill ma pprovda l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva dwar din id-differenza.

181 F'dan ir-rigward, diġà ġie espost fil-punt 169 iktar 'il fuq, minn naħa, li, skont il-ġurisprudenza, il-Kunsill kien kompetenti biex jadotta, abbażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, miżuri restrittivi li jmorru lil hinn minn dawk deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u, min-naħa l-oħra, li dan il-fatt japplika għall-miżuri restrittivi adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, bħal dawk previsti mir-Regolament Nru 961/2010 u mir-Regolament Nru 267/2012.

182 L-istess konklużjoni għandha tapplika, b'analoġija, għall-miżuri restrittivi adottati abbażi tal-Artikolu 29 TFUE, bħal dawk previsti fid-Deċiżjoni 2010/413 u mid-deċiżjonijiet adottati biex jimplementawha. Fil-fatt, l-Artikolu 29 TUE lanqas ma jillimita s-setgħat mogħtija lill-Kunsill għall-implementazzjoni tal-miżuri deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

183 Konsegwentement, is-sempliċi fatt li l-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent imorru lil hinn minn dawk adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ma jimplikax li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

184 Barra minn hekk, ir-rikorrent inġustament isostni li l-Kunsill kellu jipprovdi "ġustifikazzjoni oġġettiva" fid-dawl tal-fatt li huwa adotta miżuri restrittivi awtonomi fir-rigward tiegħu. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, il-miżuri restrittivi awtonomi li jikkonċernaw lill-entitajiet involuti fil-proliferazzjoni nukleari jfittxu għan leġittimu li jikkorrispondi għall-għanijiet imfittxija mir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, jiġifieri li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari u l-finanzjament tagħha. Barra minn hekk, dawn huma xierqa u meħtieġa għat-twettiq tal-imsemmi għan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2009, Bank Melli Iran vs Il-Kunsill, punt 10 iktar 'il fuq, punti 67 u 68). F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill ma kienx obbligat li jipprovdi lir-rikorrent "ġustifikazzjoni oġġettiva", iżda biss ir-raġunijiet konkreti u speċifiċi għaliex huwa qies li l-kriterji ta' adozzjoni tal-miżuri restrittivi awtonomi japplikaw għalih. Issa, kif jirriżulta mill-punti 86 sa 90 iktar 'il fuq, il-Kunsill osserva dan l-obbligu.

185 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent huma sproporzjonati inkwantu jmorru lil hinn minn dawk previsti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jiġi miċħuda bħala infondat.

186 Fit-tieni lok, ir-rikorrent isostni li l-miżuri restrittivi li jikkonċernawh japplikaw mhux biss għall-fondi tiegħu, iżda wkoll għal dawk tad-depożitarji tiegħu, fatt li huwa inkompatibbli mar-riżoluzzjoni inkwistjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

187 Issa, minn naħa, kif isostni l-Kunsill, l-Artikolu 20(6) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 423/2007, l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 961/2010 u l-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 267/2012 jippermettu lill-klijenti tar-rikorrent li ma humiex huma stess ikkonċernati mill-miżuri restrittivi li jiġbdu, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-fondi li jkunu ddepożitaw għandu qabel l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernawh. Għalhekk, l-argument tar-rikorrent huwa defiċitarju fir-rigward tad-depożitarji li ma humiex ikkonċernati mill-miżuri restrittivi.

188 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-depożitarji kkonċernati huma stess mill-miżuri restrittivi, l-impossibbiltà li jiġbdu l-fondi tagħhom iddepożitati għand ir-rikorrent u li huma s-suġġett ta' ffriżar ma hijiex ir-riżultat tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent, iżda dawk li jikkonċernaw lill-entitajiet ikkonċernati. Għalhekk, dan il-fatt ma jistax iqiegħed inkwistjoni l-legalità tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent.

189 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-raba' motiv fil-Kawża T-35/10 u l-ħames motiv fil-Kawża T-7/11 għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq l-ewwel motiv fil-Kawża T-7/11 li huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 215 TFUE u tal-Artikolu 40 TUE, kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

190 Ir-rikorrent isostni, fil-Kawża T-7/11, li, billi adotta r-Regolament Nru 961/2010, il-Kunsill kiser l-Artikolu 215 TFUE u l-Artikolu 40 TFUE, kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

191 Il-Kunsill jikkontesta l-fondatezza tal-argumenti tar-rikorrent.

192 L-ewwel nett, ir-rikorrent isostni li, filwaqt li l-Artikolu 215(2) TFUE jistabbilixxi li l-Kunsill "jista'" jadotta miżuri restrittivi, u allura dan jimplika li huwa għandu setgħa diskrezzjonali fuq dan il-punt, id-Deċiżjoni 2010/413, adottata fil-kuntest tal-PESK, kienet imponiet fuq il-Kunsill l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi, bi ksur tal-Artikolu 215 TFUE u, għalhekk, tal-Artikolu 40 TUE.

193 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm l-adozzjoni preliminari ta' deċiżjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE tikkostitwixxi kundizzjoni meħtieġa sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta miżuri restrittivi abbażi tas-setgħat mogħtija lilu mill-Artikolu 215 TFUE, is-sempliċi eżistenza ta' tali deċiżjoni ma tistax toħloq obbligu għall-Kunsill biex jadotta tali miżuri.

194 Fil-fatt, il-Kunsill jibqa' liberu li jevalwa, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilu mit-Trattat FUE, il-modalitajiet tal-implementazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat UE, u dan jinkludi l-adozzjoni eventwali ta' miżuri restrittivi bbażati fuq l-Artikolu 215 TFUE.

195 Konsegwentement, ir-rikorrent jiżbalja meta jallega li d-Deċiżjoni 2010/413 timponi fuq il-Kunsill l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi. Għalhekk, ma hemmx lok li jiġi kkonstatat ksur tal-Artikolu 215 TFUE jew tal-Artikolu 40 TUE.

196 It-tieni nett, skont ir-rikorrent, kuntrarjament għal dak li jeżiġi l-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni 2010/413 ma tiddefinixxix il-pożizzjoni tal-Unjoni fuq il-kwistjoni partikolari ta' natura ġeografika jew tematika, iżda timponi obbligi preċiżi fuq l-Istati Membri u fuq il-persuni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Għalhekk, l-imsemmija deċiżjoni hija mingħajr bażi legali, u għalhekk il-Kunsill kiser l-Artikolu 215(2) TFUE billi bbaża ruħu fuqu meta adotta r-Regolament Nru 961/2010.

197 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li xejn fl-Artikolu 29 TUE ma jeskludi li d-definizzjoni ta' pożizzjoni ġeografika jew tematika tirrigwarda wkoll miżuri konkreti li għandhom jiġu implementati mill-Istati Membri kollha fl-okkażjoni ta' avveniment jew ta' fenomenu.

198 Dan huwa speċjalment il-każ li l-Artikolu 29 TUE jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jħarsu li l-linji politiċi nazzjonali tagħhom ikunu f'konformità mal-pożizzjonijiet hekk iddefiniti. Issa, id-definizzjoni eżatta, kemm tal-miżuri li għandhom jittieħdu u tal-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati minn dawn il-miżuri, tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata implementazzjoni koerenti tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-Istati Membri kollha.

199 F'din il-kawża, l-għan li jikkonsisti f'li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari u l-finanzjament tagħha, li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2010/413, twassal, b'mod partikolari, għall-iffriżar tal-fondi ta' ċerti persuni, entitajiet u korpi. Issa, l-effikaċja ta' tali miżuri tiddependi, b'mod wiesgħa, fuq l-implementazzjoni uniformi tagħhom u fl-istess ħin fl-Istati Membri kollha, li teżiġi definizzjoni preċiża kemm tal-kontenut tagħhom kif ukoll tal-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati.

200 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li d-Deċiżjoni 2010/413 hija konformi mal-Artikolu 29 TUE. Għaldaqstant, il-Kunsill ma kisirx l-Artikolu 215 TFUE meta rrefera għar-Regolament Nru 961/2010 matul l-adozzjoni tiegħu.

201 It-tielet nett, ir-rikorrent iqis li r-Regolament Nru 961/2010 u r-Regolament Nru 267/2012 ma jinkludux dispożizzjonijiet meħtieġa fil-qasam tal-garanziji legali, kuntrarjament għal dak impost mill-Artikolu 215(3) TFUE. L-assenza ta' tali dispożizzjonijiet, kemm fir-Regolament Nru 961/2010 u fir-Regolament Nru 267/2012 kif ukoll fid-Deċiżjoni 2010/413, timplika, barra minn hekk, ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-entitajiet ikkonċernati mill-atti li jistabbilixxu miżuri restrittivi adottati abbażi tal-Artikolu 75 TFUE. F'dan il-kuntest, skont ir-rikorrent, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tad-Deċiżjoni 2010/413, tal-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 961/2010 u tal-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 267/2012 ma jikkostitwixxux garanziji legali suffiċjenti, fid-dawl ukoll tal-fatt li dawn ma humiex effettivament implementati mill-Kunsill.

202 F'dan ir-rigward, l-argument ibbażat fuq l-assenza ta' garanziji legali fl-atti inkwistjoni huwa nieqes minn fatti. Fil-fatt, kif tfakkar fil-punt 93 iktar 'il fuq, l-Artikolu 24(3) u (4) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 36(3) u (4) tar-Regolament Nru 961/2010 u l-Artikolu 46(3) u (4) tar-Regolament Nru 267/2012 jipprovdu dispożizzjonijiet li jiggarantixxu d-drittijiet tad-difiża tal-entitajiet milquta mill-miżuri restrittivi adottati bis-saħħa ta' dawn it-testi, peress li r-rispett ta' dawn id-drittijiet huma, barra minn hekk, is-suġġett tal-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni.

203 F'dan il-kuntest, il-kwistjoni dwar jekk id-Deċiżjoni 2010/413, ir-Regolament Nru 961/2010 u r-Regolament Nru 267/2012 jistabbilixxux l-garanziji legali meħtieġa mill-Artikolu 215(3) TFUE hija distinta mill-kwistjoni dwar jekk dawn l-istess garanziji humiex effettivament implementati mill-Kunsill meta jiġu adottati miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuni, entitajiet jew korpi ddeterminati. Konsegwentement, l-argument ibbażat fuq ksur tal-implementazzjoni effettiva tal-imsemmija miżuri huwa ineffettiv fil-kuntest tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 215(3) TFUE u fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li jirriżulta minnu. Barra minn hekk, l-osservanza tal-garanziji legali previsti mid-Deċiżjoni 2010/413, ir-Regolament Nru 961/2010 u r-Regolament Nru 267/2012 fil-kuntest tal-adozzjoni u taż-żamma tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw lir-rikorrent ġiet eżaminata fil-punti 76 sa 117 iktar 'il fuq, u l-eżami tal-argumenti tar-rikorrent ma rrilevax illegalitajiet li jiġġustifikaw l-annullament tal-atti kkontestati.

204 Minn dak li għadu kemm ġie espost jirriżulta li l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jiġi miċħud, peress li huwa bbażat fuq il-premessa fattwali żbaljata tal-assenza ta' garanziji legali fid-Deċiżjoni 2010/413, fir-Regolament Nru 961/2010 u fir-Regolament Nru 267/2012.

205 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Kunsill la kiser l-Artikolu 215(3) TFUE u lanqas il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

206 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel motiv fil-Kawża T-7/11 għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Fuq is-sitt motiv fil-Kawża T-7/11 li huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 23(4) tar-Regolament Nru 267/2012

207 Ir-rikorrent isostni, fil-Kawża T-7/11, li l-Artikolu 23(4) tar-Regolament Nru 267/2012, li jistabbilixxi l-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi speċjalizzati tal-messaġġi finanzjarji lil persuni u entitajiet ikkonċernati mill-miżuri restrittivi, hija illegali.

208 Dan premess, għandu jiġi osservat li, fl-adozzjoni tal-kapijiet tat-talbiet li jirrigwardaw ir-Regolament Nru 267/2012, iddepożitat fit-30 ta' Lulju 2012, ir-rikorrent la talab l-annullament tal-Artikolu 23(4) tal-imsemmi regolament u lanqas qajjem formalment eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tiegħu fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE. Matul is-seduta, ir-rikorrent ippreċiża li huwa semma' d-dispożizzjoni kkonċernata biss biex juri l-fatt li r-Regolament Nru 267/2012 kien jintroduċi restrizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-entitajiet ikkonċernati mill-miżuri restrittivi.

209 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, anki jekk jiġi preżunt li l-motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 23(4) tar-Regolament Nru 267/2012 kien fondat, dan il-fatt ma jistax iwassal biex it-talbiet imressqa mir-rikorrent jiġu milqugħa.

210 Għaldaqstant, is-sitt motiv fil-Kawża T-7/11 għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

211 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, ir-rikorsi għandhom jiġu miċħuda kollha kemm huma.

**Fuq l-ispejjeż**

212 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrent tilef, hemm lok li jiġi kkundannat ibati l-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Kunsill.

213 Taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 87(4) tal-istess regoli, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Għalhekk, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Il-Kawżi T-35/10 u T-7/11 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.**

**2) Ir-rikorsi huma miċħuda.**

**3) Bank Melli Iran għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.**

**4) Ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Pelikánová Jürimäe Van der Woude

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Settembru 2013.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża ... 2

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ... 5

Id-dritt ... 7

Fuq l-ammissibbiltà ... 8

Fuq l-adattamenti tal-kapi tat-talbiet tar-rikorrent ... 8

Fuq il-kap tat-talbiet intiż għall-annullament ta' kull regolament futur jew ta' kull deċiżjoni futura li jikkompleta jew li jemenda wieħed mill-atti kkontestati li ser jidħol fis-seħħ fid-data li fiha tingħalaq il-proċedura orali ... 9

Fuq il-mertu ... 9

Fuq il-possibbiltà għar-rikorrent li jinvoka l-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali ... 9

Fuq l-ewwel motiv fil-Kawża T-35/10 u t-tielet motiv fil-Kawża T-7/11 li huma bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, tad-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll tal-obbligu tal-Kunsill li jeżamina mill-ġdid il-miżuri restrittivi adottati fid-dawl tal-osservazzjonijiet ifformulati ... 11

– Fuq l-obbligu ta' motivazzjoni ... 13

– Fuq ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża ... 13

– Fuq id-difetti li allegatament jaffettwaw l-eżami mill-ġdid imwettaq mill-Kunsill ... 15

– Fuq l-assenza ta' komunikazzjoni individwali tar-Regolament Nru 267/2012 lir-rikorrent ... 15

– Fuq l-allegati ksur l-oħra ... 16

Fuq it-tieni motiv fil-Kawża T-35/10 u r-raba' motiv fil-Kawża T-7/11, li huma bbażati fuq żball ta' evalwazzjoni inkwantu l-Kunsill qies li r-rikorrent kien involut fil-proliferazzjoni nukleari ... 16

Fuq it-tielet motiv fil-Kawża T-35/10 li huwa bbażat fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tar-Regolament Nru 1100/2009, u t-tieni motiv fil-Kawża T-7/11 li huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-bażi legali tad-Deċiżjoni 2010/644 u tar-Regolament Nru 961/2010 .......... 20

Fuq ir-raba' motiv fil-Kawża T-35/10 u l-ħames motiv fil-Kawża T-7/11 li huma bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-dritt ta' proprjetà tar-rikorrent li jirriżulta mill-fatt li l-Kunsill ma ħax inkunsiderazzjoni r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti .......... 23

Fuq l-ewwel motiv fil-Kawża T-7/11 li huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 215 TFUE u tal-Artikolu 40 TUE, kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament .......... 24

Fuq is-sitt motiv fil-Kawża T-7/11 li huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 23(4) tar-Regolament Nru 267/2012 .......... 26

Fuq l-ispejjeż .......... 26